**ĦALLU D-DWEJRA BI KWIETHA – ISSA!**

**Stqarrija għall-istampa – 30/07/2025**

L-NGOs iffirmati hawn taħt jiġbdu l-attenzjoni għall-applikazzjoni tal-Ippjanar PA/01439/25, li qed tipprova tissanzjona żviluppi illegali fid-Dwejra. Din l-applikazzjoni għandha tkun imwarrba minnufih. Matul is-snin, l-applikant sistematikament iddegrada art protetta billi installa strutturi mhux awtorizzati, li jinkludu ħitan, tisqifa, pannelli solari, u kameras tas-CCTV. Jekk din l-applikazzjoni tiġi approvata, se jinħoloq preċedent inkwetanti ferm – wieħed li jippremja l-illegalità u jimmina l-protezzjoni ambjentali.

L-Awtorità tal-Ippjanar taqa' taħt il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-On. Clint Camilleri, li riċentement irrefera għad-Dwejra bħala l-"isbaħ rokna t'Għawdex" f'post pubblika fuq il-mezzi soċjali (fis-6 ta' Ġunju, 2025). Wasal iż-żmien li l-politikanti jmorru lil hinn mill-platitudnijiet retoriċi u juru impenn ġenwin biex iħarsu dan is-sit. Il-protezzjoni tad-Dwejra teħtieġ infurzar b'saħħtu ta' regolamenti eżistenti – mhux tolleranza kontinwa għal dawk li jieħdu vantaġġ minn art pubblika u protetta għal interessi privati.

Niġbdu l-attenzjoni wkoll għal kontravenzjonijiet kontinwi fil-Qawra (l-*Inland Sea*), fejn f'numru ta' boathouses ġew installati panelli solari. Il-Qawra qed tiġi mixgħula billejl minn numru ta' boathouses. Din il-prattika hi f'kontravenzjoni diretta tal-policy GZ-DARK1 tal-Pjan Lokali għal Għawdex u Kemmuna, li għandha l-għan li tippreserva s-sema mudlam tas-sit. L-awtoritajiet għandhom jieħdu azzjoni deċisiva biex jitneħħew dawn l-istallazzjonijiet u jassiguraw li s-sema tad-Dwejra jibqa' mhux mittiefes.

F'Marzu ta' din is-sena, ħmistax-il organizzazzjoni u istituzzjoni akkademika ippublikaw ittra miftuħa lill-On. Miriam Dalli u lill-On. Clint Camilleri biex iħeġġu intervent immedjat biex iwaqqfu l-proliferazzjoni tat-tniġġis tad-dawl u attivitajiet oħra ta' ħsara fid-Dwejra, partikolarment minn attivitajiet f'numru ta' boathouses u barriera fil-viċin. Sal-lum, ma kien hemm l-ebda risposta. Is-silenzju mill-politikanti u l-awtoritajiet itarrax u juri kompliċità.

L-offiżi fid-Dwejra huma varji – minn offroading u barbeques b'nar espost għad-degradazzjoni tal-abitati taħt l-ilma u l-qerda tas-sema billejl. Għaliex il-Ministri Dalli u Camilleri jibqgħu jipproteġu lil dawk li sistematikament qed jirrovinaw dan it-teżor ta' sit ta' importanza internazzjonali? Minkejja li għandha t-titlu ta' Ministru għall-Ambjent, Dalli donnha titratta l-qerda ambjentali bħala r-responsabbiltà ta' ħaddieħor – sakemm huwa politikament konvenjenti. L-awtorità li taqa' taħtha – l-ERA – qiegħda tkun

ineffettiva. Filwaqt li rreġistrat objezzjoni għal PA/01439/25, id-doveri, ir-responsabbiltajiet, u l-awtorità tal-ERA jmorru ħafna iktar lil hinn minn dan, u għandha tkun proattiva fl-infurzar tagħha qabel ma l-affarijiet jikbru. Camilleri, min-naħà l-oħra, mhux biss huwa Ministru għall-Ippjanar iżda wkoll Ministru għal Għawdex – u nnfisu Għawdxi.  Nistennew ħafna aħjar minn xi ħadd li jipprofessa li għandu għal qalbu art twelidu, il-gżira t'Għawdex, u l-pubbliku Għawdxi.

B'rabja ninnotaw li ħafna uffiċjali qed isaħħnu s-siġġu meta niġu għad-Dwejra. F'dan ir-rigward, nindirizzaw ukoll lis-CEO tal-ERA Kevin Mercieca, id-Direttur tal-Ambjent u Riżorsi tal-ERA Darrin Stevens, u lis-sindku ta' San Lawrenz Noel Formosa, biex jieqfu jinħbew wara subgħajhom u jitfgħu l-bżar fl-għajnejn, u f'konsultazzjoni mal-NGOs ambjentali li verament għandhom il-ġid tad-Dwejra għal qalbhom, jieħdu azzjoni tanġibbli biex iħarsu l-ambjent tad-Dwejra. Dan jinkludi l-infurzar kontra attivitajiet illegali, l-eradikazzjoni tas-sorsi ta' tniġġis tad-dawl, u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni serji biex jimmaniġġjaw il-pressjoni tal-viżitaturi u l-qerda tal-abitat.

M'għandniex għalfejn noqogħdu nfakkru lill-politikanti, lill-awtorijitajiet, u lill-kunsilli lokali li d-Dwejra huwa sit 'Natura 2000', 'Special Area of Conservation', 'Special Protected Area', u 'Dark sky Heritage Area'. Dawn it-titli jġorru piż legali u obbligazzjonijiet.

B'referenza għal PA/01439/25, jekk l-Awtorità tal-Ippjanar tagħżel li tagħti l-approvazzjoni tagħha, mhux se nibqgħu siekta. Id-Dwejra hija wisq ta' valur biex tiġi sagrifikata għal interessi privati. Għandna kull intenzjoni li niżguraw li dan il-każ la jiġi injorat u lanqas minsi.

**Lista ta' Firmatorji**

Birdlife Malta; Din l-Art Ħelwa; Din l-Art Ħelwa (Għawdex); Flimkien għal Ambjent Aħjar; Friends of the Earth Malta; Għawdix; Moviment Graffitti; Nature Trust Malta; Ramblers Association; Wirt Għawdex